## 5 ta' April, 1963

**Imħallfin:—**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Avukat Professur Dottor Joseph Max Ganado noe.**

*versus*

Onorevoli Dottor Giorgio Borg Olivier noe.

### Art. 16 (1) The Malta (Constitution) Order in Council 1961 — "Application".

*Il-kelma "application" użata fl-art. 16 (1) tal-"The Malta (Constituion) Order in Council 1961", hi kelma ta' sens ġeneriku, li tfisser sempliċement illi wieħed jirrikorri lil xi Awtorità, u ma kienitx riferibili għal xi xorta ta' att partikolari.*

*Trattandosi ta' proċedura fil-Qorti Ċivili (Prim'Awla) l-att li bih il-persuna aggravata għandha tirrikorri lill-Qorti, hu dak li, ordinarjament u normalment, jintuża, ċioe iċ-ċitazzjoni.*

*Fl-istat attwali tal-liġi, u fin-nuqqas ta' Rules of Court (f'sens jew ieħor) l-proċedura għandha tkun b'ċitazzjoni u mhux b'rikors.*

Il-Qorti, rat ir-rikors preżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina mill-Professur Dottor Joseph Max Ganado, fil-kwalita tiegħu fuq imsem-

mija, li bih — wara li espona illi, fil-ħmistax ta' Frar, 1963, l-Assemblea Leġislativa, kostitwita taħt il-Malta (Constitution) Order in Council 1961, għaddiet l-Att I tal-1963, li ġie mogħti l-assent tal-Eċċellenza tiegħu l-Gvernatur fl-istess ġurnata, — illi dan l-att jikkrea Kunsill tal-Amministrazzjoni, li għandu jamministra l-Kumpanija Bailey (Malta) Limited u jmexxi u jkompli x-xogħol tagħha mingħajr ebda kontrol tax-shareholders tal-Kumpanija, u għadda lil dan il-Kunsill id-drittijiet u l-funzjonijiet kollha tal-Bord tad-Diretturi u tax-Shareholders Committee tal-Kumpanija b'mod li l-Kumpanija tiġi marbuta b'dak li jagħmel il-Kunsill tal-Amministrazzjoni, u pprojbixxa l-aċċess liberu tax-Shareholders għal kotba:— illi l-Bord tad-Diretturi u x-Shareholders Committee, u x-Shareholders, ġew kważi għal kollox eżawtorati, u għandhom l-obbligu li jikkonsenjaw lil Kunsill tal-Amministrazzjoni l-proprjeta tal-Kumpanija, u sija d-Diretturi jew membri tax-Shareholders Committee jew ix-Shareholders, u sija r-rappreżentanti tagħhom, huma preklusi milli jidħlu jew jibqgħu f'postijiet ta' proprjeta jew fil-pussess tal-Kumpanija mingħajr il-permess tal-Kunsill; — illi l-Bord tad-Diretturi u x-Shareholders Committee u x-Shareholders ġew preklusi milli jagħmlu istanzi ġudizzjarji f'isem il-Kumpanija, ħlief għal xi kawżi mal-Gvern Ingliż li ġew mibdija:— Illi waqt li dawn l-imposizzjonijiet huma temporanei sakemm jispiċċaw il-proċeduri ġudizzjarji kontra l-Gvern Ingliż, hemm imposizzjoni oħra ta' natura permanenti, u ċioe li l-Kumpanija ma tistax tbiddel jew tirrevoka ebda parti mill-att kostitutiv tagħha;— illi hemm ukoll limitazzjonijiet oħra fuq il-Bord tad-Diretturi, Shareholders' Committee, u Shareholders tal-Kumpanija, li jirriżultaw mill-Att, u li jiġu spjegati aħjar fit-trattazzjoni tal-kawża, u hemm ukoll disposizzjoni dwar l-għoti ta' kumpens, li ma hijiex għat-termini tal-Kostituzzjoni;— illi lil Prim Ministru ġie mogħti

ukoll id-dritt li jeżenta lil Kunsill tal-Ammnistrazzjoni milli jobdi disposizzjonijiet tal-liġi tas-soċjetajiet;

Illi d-disposizzjonijiet kollha tal-Att I tal-1963, u l-limitazzjonijiet, drittijiet, u obbligi kreati minnhom, jammontaw għal vjolazzjoni tal-art. 5 — 7 (1) — 10 (1) — 11 (1) — 14 (1) — u 15 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u għalhekk huma **ultra vires**, nulli u mingħajr effett;— illi huwa, fl-imsemmija kwalita, huwa wieħed mix-shareholders ta' Bailey (Malta) Limited, u għalhekk għandu interess li jitlob lil Qorti r-rimedji li l-art. 16 tal-Kostituzzjoni jatiha fakolta li tikkonċedi; **TALAB** illi din il-Qorti, għat-tenur talart. 16 (1) u (2) tal-Kostituzzjoni, tatih ir-rimedji opportuni billi tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk it-taħrikiet, u tagħti dawk id-direttivi li tqies xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura it-twettieq, tad-drittijiet kollha li għalihom huwa hu ntitolat skond it-Taqsima II tal-Malta (Constitution) Order in Council 1961, kif superjorment spjegat, prevja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li d-disposizzjonijiet tal-Att I tal-1963 jikkonstitwixxu vjolazzjoni tal-artikoli fuq imsemmijin tal-Kostituzzjoni ta' Malta, huma **ultra vires** il-poteri tal-Assemblea Leġislativa, u għalhekk nulli u mingħajr ebda effett. Bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta tal-Onor. Dottor Borg Olivier nomine, fejn qal li l-proċeduri odjerni ma jistgħux skond il-liġi jsiru bir-rikors, u li għalhekk ir-rikors huwa rritu u null.

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Frar, 1963, li biha r-rikors ġie dikjarat irritu u null, spejjeż stante iċ-ċirkostanzi tal-każ mingħajr taxxa. Dik il-Qorti kkunsidrat:—

Illi l-intimat jissottometti illi l-proċedura segwita mirrikorrent mhiex korretta, fis-sens li d-domanda hu kien

messu avanzaha mhux b'rikors imma b'ċitazzjoni;

Illi din il-kwistjoni ssemmiet minn dina l-Qorti, għalkemm inċidentalment u mingħajr ma ġiet definita peress li fir-rigward ma kienetx ġiet sollevata ebda eċċezzjoni millintimati, fil-kawża in re "Onor. Dr. Anton Buttigieg, M.L.A. vs. Onor Dr. Paul Borg Olivier, noe, et" deċiża fis-7 ta' Lulju, 1962 u fit-22 ta' Frar, 1963, fejn il-proċedura li ġiet segwita kienet ukoll permezz ta' rikors.

Illi r-rikorrent jissottometti illi hu segwa l-proċedura ta' rikors għar-raġuni tant għaliex fl-artikolu 16 (1) tal-Malta (Constitution) Order in Council, 1961, jingħad li kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet tat-II Taqsima ta' dan l-Order tkun ġiet . . . miksura . . . tista' tapplika ("may apply") lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal rimedju; u ukoll għaliex fis-subartikolu tal-istess artikolu jingħad illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jkollha l-ewwel ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi kull applikazzjoni ("any application") magħmula skond is-subartikolu li jaħbat qabel . . . . u l-kliem imsemmijin, **tapplika** u **applikazzjoni**, jwasslu għas-sinjifikat ta' **tir-rikorri** u **rikors**;

Illi r-raġunijiet sottomessi mir-rikorrent ma jidherx illi huma tali biex jiġġustifikaw suffiċjentement it-teżi tiegħu, għaliex il-vokaboli msemmijin, kif jinsabu b'mod ġeneriku adoperati, ma jistax jingħad li għandhom neċessarjament is-sinjifikat minnu mogħti, imma jista' jkollhom ukoll, anzi tidher li għandhom, dak li tadixxi jew tressaq għall-kelma "tapplika", u ta' adeżżjoni jew talba, għall-kelma "applikazzjoni".

Illi fl-Order in Council imsemmi ma jinsabx indikat il-mod kif il-persuna li tallega l-ksur tad-disposizzjonijiet fuq indikat għandha tapplika lill-Qorti, jew tadixxi l-istess Qorti

biex tottjeni rimedji, ċioe l-mod kif għandha ssir din l-applikazzjoni jew talba, *hux permezz ta' ċitazzjoni jew permezz* ta' rikors, anzi, kif jidher mill-artikolu 16 (7), dwar daqshekk ġie mill-istess Order imħolli fil-poter ta' l-awtorita li għandha s-setgħa li tagħmel regolamenti dwar il-prattika u l-proċedura ta' dawn il-Qrati, kif jidher il-Bord tar-Regolamenti kontemplat fl-artikolu (30 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15) — biex tipprovdi dwar il-mod kif għandha titressaq u ssir din l-istess applikazzjoni jew talba;

Illi jiġi rilevat, pero, illi kif issemma iżjed il fuq, l-istess Order jindika illi lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ċioe dina l-Qorti, tista' ssir l-applikazzjoni, u illi dina l-istess Qorti għandha l-ewwel ġurisdizzjoni li tisma' u tiddeċiedi kull tali applikazzjoni. Issa, bħala regola jista' jingħad li sakemm ma jkunx hemm xi disposizzjoni oħra "ad hoc" jew xi regolament fis-sens ġa imsemmi, il-proċedura b'rikors quddiem *dina l-Qorti* għandha dejjem titqies mhux korretta, u dan għaliex il-proċedura solita u normali quddiem dina l-istess Qorti hija b'ċitazzjoni. Infatti, jinsab dispost fl-artikolu 121 (1) tal-Kodiċi 'l fuq imsemmi illi fil-Qrati Superjuri u fil-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarjja għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna fil-Kompetenza tagħha superjuri, ordinarjament, jitmexxa jew b'libell jew b'petizzjoni, inkella b'ċitazzjoni, skond ma tgħid il-liġi. Kwindi, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa u sakemm ma hemmx u ma jsirux Regolamenti tal-Qrati għall-finijiet tad-disposizzjoni tal-artikolu 16 fuq imsemmi, kif huwa maħsub fis-subartikolu (7) tal-istess artikolu, li bihom jiġi talvolta stabilit illi min japplika lil dina l-Qorti għal rimedju f'kawża bħal presenti t-talba għandu javanzaha permezz ta' rikors, dina l-Qorti hija talfehma li l-proċedura li għandha tiġi segwita hija dik normali u solita quddiem dina l-Qorti, ċioe permezz ta' ċitazzjoni;

Illi konsegwentement id-domanda kif ġiet avanzata quddiem dina l-Qorti, permezz ta' *rikors*, mhiex proċeduralment valida;

Rat in-nota tal-appell, u l-petizzjoni tal-imsemmi Avukat Professur Dottor Joseph Max Ganado nomine, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata in kwantu ddikjarat ir-rikors irritu u null, u in kwantu kkundannat lill-appellant iħallas l-ispejjeż tiegħu, billi jiġi, minflok, deċiż li r-rikors hu validu u billi jiġu mogħtija l-provvedimenti xierqa għal kontinwazzjoni tal-kawża.

Rat ir-risposta tal-appellat *nomine*, li biha talab il-konferma tas-sentenza appellata u rriġett tal-appelll bl-ispejjeż.

Trattat l-appell.

Ikkunsidrat.

Hu veru illi fl-art. 16 (1) tal-Kostituzzjoni "The Malta (Constitution) Order in Council 1961", jingħad illi l-persuna li tippretendi li ġiet, jew li aktarx sejra tiġi aggravata "may . . . . apply to the Civil Court, First Hall, for redress" — kif inhu wkoll veru illi, fit-tieni subartikolu ta' dak l-artikolu, jingħad illi dik il-Qorti jkollha ġurisdizzjoni biex tisma u taqta "any application made in pursuance of the preceeding sub-section". L-appellant isostni illi lil dik il-kelma "application" għandu jingħata s-sens li għanda fis-sistema legali lokali. Issa hu veru li fil-liġijiet ta' Malta, f'diversi disposizzjonijiet, l-ekwivalent, fit-test ingliż, tal-kelma fit-test Malti "rikors", hija "application". Hekk per eżempju art. 227 (2) u 470 Kod. Proċ. Ċiv. — art. 429 Kod. Krim. u dan mhux biss fil-Kodiċijiet bażi, imma anki f'liġijiet partikolari, bħal Kap. 76 Ediz. Riv. Iżda, din il-Qorti hi ta' fehma illi, meta fl-

art. 16 tal-Kostituzzjoni ntużat il-kelma "application", din ma kienetx riferibbili għal xi xorta ta' att partikolari. Il-kelma "apply" tidher ċar li hi kelma ta' sens ġeneriku, li tfisser sempliċement illi wieħed jirrikorri lil xi awtorita. Wieħed irid jisforza s-sens tal-Kostitutzzjoni biex jgħid li dik il-kelma "application' fit-tieni subartikolu qeda in riferenza għal xi xorta partikolari ta' att kif inhu r-rikors. Il-kelma "application" fit-tieni subartikolu hu loġiku li tieħu s-sens tagħha mill-kelma "apply" tas-subartikolu ta' qabel, u li ma tmurx oltre, fis-sens li dik il-kelma **application** hija biss is-**sostantiv**, bla sinifikat partikolari, tal-**verb**, ukoll bla sinifikat partikolari. Żgur li b'dawk il-kliem, użati ugwalment f'Kostituzzjonijiet oħra b'disposizzjonijiet simili, ma ġietx preskritta x-xorta tal-att proċedurali partikolari, għaliex, fl-istess artikolu 16(7), hu mħolli li jsiru **Rules of Court** dwar il-proċedura lil awtorita kompetenti lokali. — Hu anki ta' min josserva illi, fit-test Malti tal-art. 16, il-kliem użati ma humiex "**jagħmel rikors**" jew "**rikors**" imma **japplika** u **applikazzjoni**; għalhekk, il-vera kwistjoni ma hijiex x'sens għandu jingħata lill-kelma **application** fl-art. 16 fuq imsemmi, imma b'liema att proċedurali l-persuna aggravata **actu** jew **in posse** għanda tirrikorri (**apply**) lill-Qorti;

Jidher sewwa li jingħad li, trattandosi ta' proċedura fil-Qorti Ċivili (Prim'Awla), l-att, li bih il-persuna aggravata għandha tirrikorri lil Qorti, hu dak li, ordinarjament u normalment, jintuża, ċioe ċ-ċitazzjoni — dan hu konformi għal art. 121 — 161 — 162 — u — 163 tal-Kod. Proċ. Ċiv. u għal **praxis curiae**. Dan hu ndubitat tant li, f'sentenza li ngħatat mija u għaxar snin ilu mill-Imħallef Dottor, imbagħad President Sir Antonio Micallef, f'każ fejn ġiet sollevata l-kwistjoni jekk, għal esekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti Kriminali, kienetx sewwa l-proċedura b'ċitazzjoni, intqalu dawn il-kliem, li huma ta' applikazzjoni mhux limi-

tata għal dak *il-każ, imma ġenerali*, ċioe:—

> "Nel silenzio di detto Codice su questo partifolare è legale di ricorrere ai principi generali riconosciuti dalla legge per l'addietro in rigore e dalla consuetudine, secondo le queli, in difetto di altre *forme prescritte* dalla legge, si deve procedere, e si suole procedere per via di *citazione*".

Ikkunsidrat:—

Ma hemmx bżonn jingħad li, għalkemm quddiem din il-Qorti ġiet ġa deċiża, fuq meritu ieħor, kawża dwar dawn il-**fundamental rights and freedoms of the individual** li kienet intalvolata b'*rikors, eppure* l-kwistjoni odjerna ma kienetx ġiet sollevata quddiem l-ewwel Qorti, u lanqas fit-tieni istanza, u l-partijiet kienu għaddew għal attijiet ulterjuri u ġie deċiż il-meritu.

Ikkunsidrat:—

*Illi jidher*, għalhekk, illi, fl-istat attwali tal-liġi, u *finnuqqas ta'* ***Rules of Court*** *f'sens jew ieħor, il*-proċedura għanda tkun b'ċitazzjoni, u mhux b'rikors, anki peress li fil-każ ta' ċitazzjoni, għad-differenza tal-każ ta' rikors, il-liġi tippreskrivi ċerti rekwiżiti li bihom tiġi żgurata l-esposizzjoni kompleta tal-każ.

Għalhekk din il-Qorti tiddeċiedi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, fil-meritu u fil-kap ta' l-ispejjeż. L-ispejjeż ta' din l-istanza jitħallsu mill-appellant nomine.